**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 173/2018**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Fabio Psaila**

**<u>Illum, 21 ta' Novembru,2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Fabio Psaila** detenur tal-karta tal-identita Maltija **318874M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

- Minn Dicembru 2016 sas-26 ta' Jannar 2018, huwa, naqas milli jaghti lil Isabella Mercieca, is-somma ta' 280 Ewro fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipultata fil- kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax il jum minn dak il jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' April,2018, fejn sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Fabio Psaila**, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-19 ta' April, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tad-09 ta' April 2018, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Seduta tal-Familja)

- Tillibera lill-esponent minn kull htija u piena skond il-ligi

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti;**

Illi I-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti:-

Illi Isabelle Mercieca Frantz kienet ghamlet rapport gewwa l-Ghassa tal-Puluzija ta' Birzebbugia illi Fabio Psaila ma kienx ivversa manteniment ghal uliedha minuri;

Illi fil-fatt, inhargu akkuzi kontra r-rikorrenti ai termini ta' I-Artikolu 338(z) tal-Kap IX tal- Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti gie misjub hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Illi I-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi b' kull dovut rispett, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u provi b' mod generali:

Illi ai termini ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata, 1 ta' Marzu 2011, u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-3 ta' Frar 2012, Fabio Psaila kien ordnat illi jivversa manteniment mensili versu uliedu minuri, liema manteniment ikun dovut kull 1- ewwel tax-xahar;

Illi ghalhekk, il-manteniment mhuwiex dovut ai termini ta' digriet, imma ai termini ta' sentenza.

Illi I-esponenti ma kienx prezenti ghas-seduta tat-12 t' April 2018 stante illi ma kienx gie notifikat. Illi sussegwentment, kien gie informat minn terz illi kien prezenti fil-Qorti tal- Magistrati (Malta) seduta tal-familja, illi kienu ghajtulu fis-seduta tat-12 t April 2018. Illi ghalhekk, I-esponenti ghamel verifiki mal-Qorti fejn irrizultalu illi fil-fatt huwa kellu jidher fit-12 t' April 2018;

Illi ghas-seduta tad-9 t' April 2018, I-esponenti talab illi jigi ingunt il-persuna li kienet qalet illi kienet innotifikatu. Din il-persuna xehdet illi kienet habbtet il-bieb ta' barra tal- blokka tal-appartamenti u ma kien fetah hadd, illi kienet cemplet il-qanpiena ta' l-appartament fejn jirrisjedi l-esponenti, u ma kien irrisponda hadd, ghalhekk, kienet cemplet il-qanpiena ta' terza persuna sabiex tidhol fil-komun u hemmhekk impostat 1- akkuza fil-*letterbox;*

Illi pero, I-esponenti jinsisti illi huwa ma kienx notifikat ghas-seduta tat-12 ta' Marzu 2018;

Illi fit-8 ta' Marzu 2018, l-esponenti kien ghamel depositu fil-kont bankaru ta' Isabella Mercieca Franz ghax-xahar ta' Settembru 2017;

Illi dan necessarjament ifisser illi l-hlas ghax-xhur ta' qabel Settembru 2017 huma kollha preskritti;

Illi *di piu,* u bla pregudizzju ghal dak su espost, l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel ezami tal-fatti u tiddistingwi bejn l-impossibilita ta' hlas ta' manteniment u

rifjut ta' hlas ta' manteniment ai termini tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropjea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi I-esponenti sa ftit ilu kien jipprecepixxi ammont mensili ta' Ewro 300, u minn dan I- ammont kellu jhallas ammont ta' Ewro 280 bhala manteniment,

Illi ricentment I-esponenti kien involut f' incident awtomobilistiku fejn garrab griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur f' diversi bnadi ta' sieq minnhom, tant illi kellhom isirulu interventi kirurgici biex jaghmlulu *plates* u hadid fiha, u liema ksur ikkagunawlu disabilita ta' natura permanenti;

Illi dan necessarjament ifisser illi l-esponenti qieghed f impossibilita illi jhallas il-manteniment dovut;

Illi dan kollu jista' jigi konfermat minn xhieda u anke minn dokumenti;

Illi fis-sentenza ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Karoonian vs CMEC</u>** (Child Maintenance and Enforcement Commission), Lord Justice Ward qal illi:

*The wording of the court summons issued to him and to a second father in a linked case had wrongly implied that they bore the burden of proving that they did not owe the arrears claimed.'*

*the failure to provide material evidence against them and the muddling up of issues relating to their means also contributed to the conclusion that they had not been given a fair hearing*

Illi I-Qorti f'dan il-kaz qalet illi sentenza ta' prigunerija ghal persuna illi ma hallsitx manteniment tmur kontra Artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja,

Illi fis-sentenza ghall-kawza **Battista vs Italy** (deciza 02/03/2014), il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi:

> *The national courts did not consider it necessary to examine the applicant's personal situation or his ability to pay amounts due, and applied the impugned measure automatically. There seems to have been no attempt to balance the rights at stake. The only factor taken into consideration was the property interest of the maintenance recipients;'*

> *'the court further observes that in the present case, the restriction imposed on the applicant did not ensure payment of the sums due in maintenance.'*

> *' in the light of the foregoing, the Court does not consider that the automatic imposition od such a measure... without any regard to the individual circumstances of the person concerned can be described as necessary in a democratic society.*

> *'it follows that there has been a violation of Article 2 of Protocol No 4'*

Illi dan ir-ragunament isegwi mill-Artikolu 1 tar-raba' Protocol tal-Konvenzjoni Dwar id- Drittijiet tal-Bniedem, illi jistipula:-

> *No one shall be deprived of his liberty merely on the ground of inability to fulfil a contractual obligation.'*

Illi dan id-dritt fundamnetali huwa protett ukoll permezz ta' Artikolu 11 ta' l-International Covenant on Civil and Political Rigths illi jistipula:-

*No one shall be imprisoned merely on the ground to fulfil any contractual obligation.'*

Illi Malta hija firmatarja taz-zewg Konvenzjonijiet su citati,

Illi fil-ktieb guide on Article 6 of the Convention right to a fair trial (civil limb) mahrug mill-Kunsill ta' l-Ewropa, jinghad illi:

> *'The state has a positive obligation to organise a system for enforcement of final decisions in disputes between private persons that is effective both in law and in practice. The state's responsibility may therefore be engaged if the public authorities involved in enforcement proceedings fail to display the necessary diligence or even prevent enforcement.*
>
> *The measures taken by the national authorities to secure enforcement must be adequate and sufficient for that purpose in view of their obligations in the matter of execution since it is they who exercise public authority (pg25)*

Illi minn dan kollu isegwi illi l-esponenti ma jistax jinghata sentenza ta' prigunerjia minhabba illi huwa jinsab fl-impossibilita illi jhallas il-manteniment dovut.

Rat l-provi mressqa u d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet jittrataw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2024.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti esaminat bir-reqqa l-provi prodotti.

Rat l-affidavit ta' **WPS 7 T Farrugia** fejn qal li nhar is-26 ta' Jannar, 2018 ghal habta tal-17.00 gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' B'Bugia certu Isabelle Mercieca stqarret illi

missier it-tifla taghha certu Fabio Psaila kien naqas milli jtiha l-manteniment ghax-xhur ta' Otttubru, Novembru u Dicembru 2017 kif ukoll ghal Jannar, 2018 ghal uliedhom Zleika Psaila u Miguel Alfredos Psaila.

Il-kweranta pproduciet kopja ta' digriet mahrug mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja mill-Onor Imhallef Noel Cushieri tal-1 ta' Marzu, 2011, liema digriet jordna lil Fabio sabiex ihallas is-somma ta' €140 kull xahar ghal kull wild bl-ammont totali ikun ta' €280 fix-xahar ghaz-zewg ulied.

Tghid ukoll li giet moghtija kwerela minn naha ta' Dr Christine Bellizzi fejn fuq talba taghha talbet sabiex jinhargu l-akkuzi minn Dicembru, 2016 sa Novembru, 2017 fejn ghalhekk minn naha taghha zidet ukoll ix-xahar ta' Jannar, 2018.

Nhar it-12 ta' Frar, 2018 l-ghassa ta' Haz Zabbar gew infurmati minnha sabiex ihallu *letter to call* fil-bail book ta' Fabio Psaila sabiex jigi mitkellem rigward dawn l-akkuzi.

Nhar id-19 ta' Frar, 2018 cemplet l-ghassa ta' Haz Zabbar fejn giet infurmata li Fabio Psaila kien ilu ma jiffirma minn Dicembru, 2017 u li ghamel zmien kien qieghed l-Isptar Mater Dei.

Ghalhekk minn naha taghha harget l-akkuzi kontra Fabio Psaila minghajr ma giet mehuda l-verzjoni tieghu rigward dan ir-rapport. Ir-rapport gie anness ma' dan l-affidavit flimkien mad-digriet rispettivament.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' April, 2018 fil-presenza tal-imputat assistit mill-avukat difensur tieghu li n-notifika li saret fuq l-gazzetta The Malta Independent nhar is-7 ta' Marzu 2018 ghas-seduta datat-12 ta' Marzu kienet valida u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat li d-difiza pprezentat statement tal-BOV u eccepiet l-preskrizzjoni ghax-xhur antecedenti ghax-xhur ta' Settembru 207 u dan peress li l-imputat fid-9 ta' Marzu, 2018 ghamel pagament ghax-xahar ta Settembru 2017 u ghalhekk id-difiza tikkontendi li -xhur ta' qabel kellhom ikunu preskritti.

Rat dak li gie verbalizzat mill-*parte civile* u cioe li l-pagament kien sar permezz ta' bank transfer minghajr il-kontroll ta' l-istess *parte civile* liema pagament izda gie akkreditat

għax-xahar ta' Diċembru, 2016 u mhux kif indikat mill-imputat u għalhekk issottomettiet li l-preskrizzjoni ma kinitx applikabbli kif ippretendiet id-difiża.

Rat id-digriet tal-Qorti ta' l-istess jum fejn wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ċaħdet l-eċċezzjoni u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ.

Rat li x-xhieda mogħtija mill-*parte civile* **Isabelle Mercieca** u Raymond Dimech fis-seduta tad-9 ta' April 2018 ma jinsabux inseriti fl-atti.

Rat dak li ġie verbalizzat mill-parte civile **Isabelle Mercieca** fl-atti nhar it-23 ta' Ottubru, 2024 fil-preżenza tal-appellant u l-avukat difensur tagħha li ddikjarat li tiġi omm it-tlett ulied l-appellanti  u li dakinhar kien ġja maġġorenni. Iddikjarat li kienet qed tirrnunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant u li ma kinitx qed tinsisti fuq piena karċerarja fil-konfront tal-appellant.

Il-Qorti rat dak li jiddisponi l-artikolu 633(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

*Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra s sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill gradi hawn fuq imsemmija.*

Din il-Qorti, wara li aċċertat ruħha li din ix-xhud ma kinitx ġiet b'xi mod mhedda jew kostretta biex tagħmel it-talba tagħha biex ma tixhedx, u wara li rat l-Artikolu 633(2) tal-Kodiċi Kriminali, użat id-diskrezzjoni tagħha fis-sens li laqgħet it-talba tax-xhud biex ma tixhedx kontral-ex sieħeb tagħha, missier uliedha. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk,

ma hemmx provi kontra l-appellant, u l-appell sejjer jintlaqa'. (vide f'dan ir-rigward **il-Pulizija vs Ahmed Mohammed Hassan**[1])

Għall-motivi premessi, tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija w piena.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imħallef

Maria Grech

Deputat Registratur

[1] Deciz fl-10 ta Novembru 2003 minn dinil-Qorti diversament preseduta